2023/2412 27.10.2023

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2412

**tad-9 ta' Ottubru 2023**

**li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(6), il-punt (a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Il-Ftehim ta' Liżbona tal-31 ta' Ottubru 1958 għall-Protezzjoni tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini u r-Reġistrazzjoni Internazzjonali tagħhom (it-"Trattat ta' Liżbona") huwa trattat amministrat mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO). Bis-saħħa tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 ([1]), fis-26 ta' Novembru 2019, l-Unjoni aderixxiet mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi ([2]) ("l-Att ta' Ġinevra"), b'effett mis-26 ta' Frar 2020. L-Att ta' Ġinevra nnifsu daħal fis-seħħ fis-26 ta' Frar 2020.

(2) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2019/1754, il-Kummissjoni għandha tkun l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra, responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għall-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tad-WIPO skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni taħt il-Ftehim ta' Liżbona u l-Att ta' Ġinevra.

(3) Għall-fini tal-amministrazzjoni fil-livell tal-Unjoni tar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali prevista fir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]), u f'konformità mal-emendi introdotti b'dak ir-Regolament għar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]), jenħtieġ li l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea ikun l-Awtorità Kompetenti tal-Unjoni fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali skont l-Att ta' Ġinevra.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2019/1754 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1754 tas-7 ta' Ottubru 2019 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 12).
([2]) ĠU L 271, 24.10.2019, p. 15.
([3]) Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).
([4]) Ir-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Liżbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU L 271, 24.10.2019, p. 1).

"Fir-rigward tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li jipproteġu l-prodotti artiġjanali u industrijali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea għandu jinħatar bħala l-Awtorità Kompetenti msemmija fl-Artikolu 3 tal-Att ta' Ġinevra u għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Att ta' Ġinevra fit-territorju tal-Unjoni u għan-notifiki u l-komunikazzjonijiet mal-Bureau Internazzjonali tad-WIPO skont l-Att ta' Ġinevra u r-Regolamenti Komuni.

(*) Ir-Regolament (UE) 2023/2411 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ottubru 2023 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti artiġjanali u industrijali (ĠU L, 2023/2411, 27.10.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2411/oj).".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, id-9 ta' Ottubru 2023.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
Y. DÍAZ PÉREZ